# L-Iskarlatina

L-Iskarlatina hija infezzjoni fil-griżmejn assoċjata ma' raxx u li ġeneralment tolqot tfal bejn it-tliet snin u l-ħdax-il sena. Hija kkawżata minn mikrobu jismu Streptococcus Pyogenes u tiġi faċilment trattata bl- antibijotiċi (antibiotics).

Is-sintomi jistgħu joħorġu bejn 1-5 ġranet wara li t-tfal jiġu infettati.
Dawn is-sintomi jinkludu:

- Deni
- Uġigħ fil-griżmejn / griżmejn ħomor
- Raxx irqiq ħamrani li joħroġ l-aktar fuq is-sider, iż-żaqq u d-dahar, imma anki fuq l-idejn u s-saqajn. Dan ir-raxx li jista' jinħass afirax qisu sandpaper, ġeneralment joħroġ jumejn wara li jkun ħareġ id-deni u l-uġigħ fil-griżmejn
- Wiċċ ruxxan b'ċirku bajdani madwar il-ħalq
- Ilsien ħamrani u minfuħ (strawberry tongue)

L-infezzjoni li tikkawża l-iskarlatina tinxtered mill-bżieq, bl-għatis u s-sogħla, mit-tazzi u l-fliexken li nixorbu minnhom, u affarijiet li t-tfal imdorrijin iselfu bħal lapsijiet, gomom u rigi, li jagħmluhom f'ħalqhom. Ir-riskju li wieħed taqbdu l-iskarlatina huwa l-istess bħal dak ta' meta wieħed taqbdu infezzjoni normali fi griżmejh. M'hemm l-ebda riskji għal nisa li jkunu qed jistennew tarbija u għat-tarbija tagħhom.

Il-ħasil ta' l-idejn hija l-aktar ħaġa importanti biex ma nxerrdux hafna tipi ta mikrobi u infezzjonijiet. It-tfal għandhom jiġu mgħallma jaħslu idejhom spiss – qabel u wara l-ikel, wara l-logħob, anki logħob mal-annimali, u wara li jkunu marru t-tojlit. Huwa biżżejjed li naħslu idejna bl-ilma u ftit sapun normali.

It-tfal (dawk tal-klassi, kif ukoll l-aħwa ta' min ikun infettat) għandhom jibqgħu jattendu l-iskola normali. Madanakollu l-ġenituri m'għandhomx jibagħtu t-tfal l-iskola jekk dawn ikunu ma jifilħux, u għandhom jieħdu parir mingħand it-tabib tagħhom, u jiġbdulu l-attenżjoni li kien hemm każ tal-iskarlatina ġo l-iskola. Nirrakkomandaw li tfal li jkollhom l-iskarlatina jinżammu d-dar għal ħamest ijiem wara li dawn ikunu bdew l-antibijotiċi, li ġeneralment jingħataw għal għaxart ijiem, li bihom jgħaddi kollox fi zmien ftit ijiem.

Jekk għandek xi diffikulta ħu parir mingħand it-tabib tiegħek.

**Għal aktar informazzjoni tista' ċċempel**
**lill-Infectious Disease Prevention & Control Unit**
**fuq 23266122 jew 23266109**
**mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-tmienja ta' filgħodu u s-sagħtejn ta' wara nofsinhar (8am till 2pm).**

Health Promotion & Disease Prevention Directorate
Infectious Disease Prevention and Control Unit, St. Luke's Square, Gwardamanġa PTA1010, Malta
Tel: (+356) 2326 6109/122/309/185 Email: diseasesurveillance.health@gov.mt